MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 2(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar 2009, fl-4.30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u>** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Il-Ħaddiema Assenjati mal-Kunsill
6. Ċint madwar il-biċċa art bejn Triq il-Labour u Triq Lepanto
7. *Playground* f'Tal-Magħluq
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa numru 1(2009) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Is-sid tas-South East Café' kien bi ħsiebu japplika għal permess mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet u l-MEPA biex jarma mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Wilġa bejn iż-żewġ *centre strips* li jinsabu faċċata tal-ħanut tiegħu. Qabel ma japplika xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill kienx ser isib oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel li joġġezzjona peress li probabbli li s-suq jiċċaqlaq għall-Magħluq meta jibda x-xogħol ta' tisbiħ fuq in-naħa tal-baħar ta' Xatt is-Sajjieda.

**4.3** Is-Sur Glenn Pisani kien bagħat pjanta ta' *skate park* li xtaq jipproponi għal Marsaxlokk. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u qabel li l-post fejn dan seta' jsir kien minflok il-klabb tal-boċċi.

**4.4** Dwar l-ittra tas-Sur Edward Azzopardi u l-ilmenti tiegħu dwar Triq Bir Rikka, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jibagħt kopja tal-korrispondenza lill-ADT.

**4.5** Dwar applikazzjoni numru PA04988/08 tas-Sur Saviour Ellul sabiex ikabbar id-daqs tal-gaġeġ għat-tkabbir tal-ħut 'l barra minn Xrobb l-Għaġin, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sakemm jiġu osservati r-regolamenti.

**4.6** Il-Viċi-Sindku talab kopja tal-ittra tas-Sur Francois Bulteel dwar il-propost inċineratur sabiex iwieġbu dwar x'qed jagħmel il-Kunsill biex jissalvagwardja is-saħħa tar-residenti u l-ħarsien tal-ambjent.

Fis-6.10 p.m., il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, it-3 ta' Marzu 2009, fl-4.30 p.m.

Il-laqgħa ssoktat nhar it-Tlieta, it-3 ta' Marzu 2009, fl-4.30 p.m. Il-Membri kollha kienu preżenti.

## 5. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

**5.1** Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kienet saret fit-2 ta' Frar 2009 bejn il-Kunsill u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali, Dr Chris Ciantar, li ghalija kien ukoll preżenti l-Professur Alfred Vella, il-Konsulent tal-Waste Management Committee, li spjega kif kien ser jitħaddem il-propost inċineratur f'Delimara. Din il-laqgħa kienet saret wara li l-Kunsill kien ħareġ stqarrija dwar il-propost inċineratur fis-26 ta' Jannar 2009.

**5.2** Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mas-Sur Frans Grech, is-Segretarju tal-Marsaxlokk A.S.C., sabiex jiddiskutu l-ħsarat fil-klabb tal-waterpolo li kien ikkawża l-maltemp. Is-Sindku nforma lis-Sur Grech li l-Kunsill ser jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Isports, l-Onorevoli Clyde Puli, sabiex jiddiskuti dawn il-problemi.

## 6. <u>Ħaddiema Assenjati</u>

**6.1** Ingħata rendikont tax-xogħlijiet li saru mill-ħaddiema assenjati u xogħlijiet li għadhom ser isiru.

## 7. <u>Ċint madwar il-biċċa art bejn Triq il-Labour u Triq Lepanto</u>

**7.1** Il-Viċi-Sindku qal li qabel ma jsir iċ-ċint kellu jikkonferma l-linja tat-triq bejn Triq l-Imriekeb u Triq San Franġisk u s-Segretarju Eżekuttiv kellu jitlob lill-ELC jekk kellhomx "picket fences" biex jiddawru bihom il-plottijiet tal-ħamrija li fihom xi residenti tal-inħawi kienu jkabbru l-ħaxix. Iċ-ċint il-ġdid kellu jkun mill-anqas għoli tlett filati u jsir bħal ħajt tas-sejjieħ, jekk possibbli b'ħitan mixtrijin lesti magħmulin b'dan l-istil.

## 8. <u>*Playground* tal-Magħluq</u>

**8.1** Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit Marvin Ellul iħejji pjanta tal-*playground* ġdid sabiex il-Kunsill ikun jista' joħroġ sejħa għall-offerti.

## 9. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**9.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet: :

| | | € |
|---|---|---|
| Adrian Caruana | Ġebel għaċ-cint Triq it-Trunċiera | 325.34 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Port Ruman u H.E. u x-Xatt Nov/Diċ08 | *358.68* |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Port Ruman u H.E. u x-Xatt Jan 09 | 333.06 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli u żewġ *dustbins* ħdejn il-Mużew | 174.70 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 18.02.09 (4236) | 520.38 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 23.02.09 (4243) | 202.37 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 26.02.09 (4651) | 346.92 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 26.02.09 (4653) | 173.46 |
| Bugeja Bros Ltd | *Plywood* għall-palk tal-Karnival | 132.00 |
| Carmela Schiavone | Kuruna tal-fjuri - funeral ta' Kenneth Gafa' | 45.00 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Jan 09 (50 siegħa X €5.59) | 279.50 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 17.12.08 | 27.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 29.01.09 | 44.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 23.02.08 | 46.00 |
| Central Asphalt | *Cold asphalt* għall-*patching* 05.02.09 | 195.00 |
| Central Asphalt | *Cold asphalt* għall-*patching* 27.01.09 | 195.00 |
| Central Asphalt | *Cold asphalt* għall-*patching* 04.02.09 | 227.50 |
| Central Asphalt | *Cold asphalt* għall-*patching* 03.02.09 | 195.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Jan 09 | 1357.84 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Jan 09 | 154.34 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Jan 09 | 626.39 |
| Commissioner of Police | Pulizija Extra Duty, attivita' tal-Karnival | 57.39 |
| Compunet | Printer Cartridges | 64.29 |
| Digitone Computers | External USB | 101.00 |
| Director General Works | *Patching* (joint venture) Triq Delimara | 715.44 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Jan 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-djar Jan 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ | 58.23 |
| G4S | Cash-in-transit Diċ 08 | 30.26 |
| G4S | Cash-in-transit Jan 09 | 30.26 |
| GO | 21659555, Jan 09 | 27.60 |
| GO | 21652525, Jan 09 | 216.99 |
| GO | 21650937, Jan 09 | 44.41 |
| GO | 21652392, Jan 09 | 15.53 |
| GO | 21652218, Diċ 08 / Jan 09 | 12.38 |
| Inserv | Boroż tal-plastik | 71.20 |
| JJ Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet 29.08.08 | 93.46 |
| JJ Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet attivita' tal-Milied 21.12.08 | 32.98 |
| JJ Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet Karnival 19 u 22 ta' Frar 2009 | 112.00 |
| James Caterers | Bibita tal-Milied għall-Anzjani | 156.50 |
| James Caterers | Bibita tal-Milied għall-Anzjani | 76.04 |
| Jason Gauci | Mobile Cards Frar 09 | 150.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Jason Gauci | Mobile Cards Marzu 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Jan 09 | 75.29 |
| Jason Gauci | Gazzetti Frar 09 | 84.85 |
| Joseph Cassar | Tindif tal-Uffiċċju | 25.00 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sinjal tat-traffiku | 23.23 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Milied | 2547.00 |
| Mary Bugeja | Kiri tas-Sala Peter the Great Jum Marsaxlokk | 186.35 |
| mita | Wide area connectivity Jan - Mar 09 | 477.58 |
| Newwes Garage | Trasport Ikla tal-Milied | 82.60 |
| Nexos Street Lighting | Manutenzjoni dwal tat-toroq Diċ 08 u Jan 09 | 347.71 |
| Nexos Street Lighting | Manutenzjoni dwal tat-toroq Jan / Frar 09 | 129.72 |
| Nexos Street Lighting | Manutenzjoni dwal tat-toroq Jan / Frar 09 | 673.85 |
| Schembri Barbros | Rods u Wire Mesh | 109.12 |
| Schembri Barbros | Rods (barriers tal-Iskola) | 40.85 |
| Schembri Concrete Blocks | Bricks għaċ-ċint Triq it-Trunċiera | 37.76 |
| Schembri Concrete Blocks | Bricks għaċ-ċint Triq it-Trunċiera | 37.76 |
| Sigma | Zebgħa sewda tal-markeġġl tat-toroq | 53.31 |
| Smart Office Supplies | Stationery | 31.71 |
| Suor Antoinette Manara | Ħlas lil Bennie u Tonia, bibita tal-Milied tal-Anzjani | 50.00 |
| Valley Pet Shop | Bexx | 31.00 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Diċ 08 | 296.59 |
| Water Services Corporation | Dawl u Ilma, Uffiċċju stima 01.11.08 - 31.12.08 | 214.55 |
| Wise Owl Publications | 3 volumi Malta at War | 83.97 |
| Zoo Media & Entertainment | Sehem il-Kunsill, attivita' tal-Karnival fl-Iskola | 120.00 |
| | **Total** | **€18945.33** |

**9.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**10.** **Affarjiet Oħra**

**10.1** Il-Kunsill qabel li parti mill-passaġġ ta' ma' ġenb it-Torri San Luċjan jingħata kisja konkos. Il-Kunsill jipprovdi l-konkos meħtieġ u l-bdiew jirranġaw huma.

**10.2** Il-Viċi-Sindku talab lill-Membri tal-Kunsill jissottomettu l-artikli tagħhom għall-fuljett li jmiss kemm jista' jkun malajr sabiex il-fuljett joħroġ qabel Jum Marsaxlokk.

**10.3** Il-Kunsill qabel li l-bini kollu li l-faċċata tiegħu tagħti għal fuq Wesgħa Dun Ġużepp Caruana ghandu jidher bl-indirizz ta' din il-wesgħa fuq ir-Reġistru Elettorali.

**10.4** Il-Kunsill approva xiri ta' *heater* tal-gass għad-*Day Centre* tal-anzjani fid-dar tas-sorjiet.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**